KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

Brussel, 6 ta' Ottubru 2006

13611/06

Fajl Interistituzzjonali
2006/0142 (COD)

LIMITE

VISA 240
CODEC 1044
COMIX 806

PUBLIC

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| ta': | Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża/Kumitat Imħallat (UE-Islanda/Norveġja/Svizzera) |
| datat: | 2 u 3 ta' Ottubru 2006 |
| Nru Cion prop.: | 11752/1/06 VISA 190 CODEC 771 COMIX 662 + ADD 2 (en) |
| Suġġett: | Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi |

Id-delegazzjonijiet qajmu l-kwistjonijiet ġenerali li ġejjin:

**1) Ir-referenza għall-Istati Membri**

Ir-**rappreżentant tal-Kummissjoni (COM)** informa lid-delegazzjonijiet li minħabba r-referenza għad-diversi protokolli ("ġeometrija varjabbli") fil-preambolu, Stati Membri f'dan il-kuntest jirreferi għal "Stati li qed japplikaw l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ", u l-istess formulazzjoni kienet intużat fil-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen.

**2) Tliet xhur jew 90 jum**

Numru ta' delegazzjonijiet jippreferu li kieku d-definizzjoni tat-tul tas-soġġorn li jingħata permezz ta' viża għal soġġorn qasir tkun espressa f'jiem milli f'xhur minħabba li numru eżatt ta' jiem ikun aktar loġiku u utli fil-prattika. **COM** innutat li, għal issa, kellha tintuża t-terminoloġija użata fit-TKE. Ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tkun tat deċiżjoni preliminari, li bħal issa qiegħda tiġi eżaminata, dwar il-kalkolu eżatt tat-tliet xhur f'jiem, din il-kwistjoni għandha tiġi studjata mill-ġdid[1].

[1] Nota ta' wara: Id-Deċiżjoni ngħatat fit-3.10.2006, ref.: C-241/05, aċċessibbli fuq il-website tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**3) Ir-referenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (Artikolu 1 (2)(b) u Artikolu 2 (1))**

B'risposta għall-mistoqsijiet li saru minn xi delegazzjonijiet, **COM** spjegat li f'dak li jirrigwarda l-abbozz ta' Kodiċi dwar il-Viża, mhux possibbli li wieħed sempliċiment juża d-definizzjonijiet użati fil-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen minħabba li d-dispożizzjonijiet ta' l-abbozz tal-Kodiċi dwar il-Viża, għal raġunijiet ovvji, ikopru biss iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal ħtiġiet ta' viża.

**4) Viżi nazzjonali ta' soġġorn twil ("D")**

**AT, FR** u **LT** kienu ta' l-opinjoni li l-abbozz tal-Kodiċi dwar il-Viża kellu jkun fih dispożizzjonijiet dwar viżi "D" sabiex ikun żgurat approċċ armonizzat fil-ħruġ ta' dan it-tip ta' viża. Filwaqt li laqgħat ix-xewqa ta' delegazzjonijiet li jtejbu l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni, **COM** fakkret li l-abbozz tar-Regolament ikopri l-viża għal soġġorn qasir u li s'issa l-ħruġ tal-viża għal soġġorn twil (ta' aktar minn 3 xhur) huwa kompetenza nazzjonali. LT tħasbet għaliex, f'dak il-każ, l-Anness 10 kien fih referenza għal viża "D".

**5) Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal Viża ta' Tranżitu minn Ajruport**

**NL, FR, CZ, DE** u **PT** ma kinux favur li jkun hemm lista waħda komuni biss ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal ħtiġiet ta' viża (Anness 3, Parti 1, tas-CCI), bl-argument li l-possibbiltà ta' introduzzjoni unilaterali ta' ATVs hija strument importanti biex ikunu miġġielda l-flussi f'daqqa ta' immigrazzjoni illegali. **COM** innutat li l-għan tal-lista unika kien biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni kompleta, bħal fil-każ tal-listi fir-Regolament 539/2001. **BE** fehmet it-tħassib espress minn COM, iżda tħasbet dwar jekk hux ser ikun realistiku li titneħħa l-lista "nazzjonali" kompletament. Din id-delegazzjoni, madankollu, saħqet li f'dan l-istadju ta' l-eżamina ta' l-abbozz tal-Kodiċi dwar il-Viża, l-isforzi għandhom ikunu kkonċentrati fuq il-partijiet leġislattivi tat-test iktar milli fuq il-kontenut ta' l-annessi, minkejja l-konnessjoni ovvja bejn it-tnejn.

## 6) Definizzjonijiet addizzjonali

**HU** ssuġġeriet li definizzjoni preċiża ta' "konsulati" tiġi introdotta u b'hekk il-fomulazzjoni pjuttost twila ta' "missjoni diplomatika u post konsulari" li tintuża tul it-test tkun tista' tiġi evitata. **AT** appoġġat din il-proposta. **NL** issuġġeriet li jiġu introdotti definizzjonijiet tad-diversi kompiti, jiġifieri "ilqugħ ta' applikazzjoni", "proċessar ta' applikazzjonijiet għal viżi" li jistgħu jkunu utli minħabba l-iżviluppi futuri ta' tipi ta' kooperazzjoni ġodda bejn awtoritajiet konsulari u mal-fornituri esterni ta' servizzi. **COM** ser tirrifletti dwar dawn is-suġġerimenti,

## 7) FTD/FRTD kontra viża ta' transitu

B'risposta għal mistoqsija minn **LT, COM** innutat li l-FTD/FRTD mhix viża ta' transitu, u fakkret li f'dak iż-żmien in-naħa Russa kienet opponiet bil-qawwa kull referenza għal viża ta' transitu fl-istabbiliment ta' l-iskema li tippermetti lir-Russi jivvjaġġaw mir-Russja għal Kaliningrad. Dan ir-reġim huwa sistema fakultattiva li qed tapplika l-Litwanja. Jista' jkun li bl-applikazzjoni kompleta ta' l-acquis ta' Schengen mil-Litwanja fil-ġejjieni, dan ikollu jerġa' jiġi kkunsidrat, iżda l-opinjoni Russa ma kienx probabbli li kienet ser tinbidel.

## 8) Ħruġ ta' viża lill-baħħara

**COM** ġibdet l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-fatt li l-abbozz tal-Kodiċi dwar il-Viża jinkorpora r-Regolament tal-Kunsill 415/2003 u l-proposta għandha l-għan li ġeneralment telimina l-ħruġ ta' viża għal gruppi.

* *

*

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-Artikoli 1 u 2 ta' l-abbozz tar-Regolament, bil-kummenti tad-delegazzjonijiet fin-noti ta' qiegħ il-paġna.

## TITOLU I: Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*[1]

**Objettiv u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża għal soġġorni intiżi fit-territorju ta' l-Istati Membri, li ma jkunux ta' iktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur.

2. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw għal kull ċittadin ta' pajjiż terz, li jrid ikun fil-pussess ta' viża meta jaqsam il-fruntieri esterni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001[2], mingħajr preġudizzju għal

   (a) id-drittijiet ta' moviment liberu li jgawdu minnhom ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadini ta' l-Unjoni,[3]

   (b) id-drittijiet ekwivalenti li jgawdu minnhom ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skond ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u dawn il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu minn drittijiet għal moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini ta' l-Unjoni u l-familji tagħhom[3].

3. Dan ir-Regolament jiddefinixxi wkoll il-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jeħtieġu viża ta' transitu minn ajruport u jistabbilixxi r-regoli għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża ta' transitu miż-żoni ta' transitu internazzjonali ta' l-ajruporti ta' l-Istati Membri.

*Artikolu 2*[4]

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin ta' l-Unjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat;

(2) "viża" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru bil-għan ta':

   (a) dħul[5] għal soġġorn intiż f'dak l-Istat Membru jew f'bosta Stati Membri ta' dewmien ta' mhux iktar minn tliet xhur fit-total[6],

   (b) dħul għal transitu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew bosta Stati Membri, jew

---

1 **SE**: riżerva ta' skrutinju

2 ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.

3 **COM** enfasizzat li l-paragrafi a) u b) jirreferu biss għal drittijiet eżistenti ta' dawn il-kategoriji ta' persuni u ma ħalqu l-ebda waħda ġdida. COM tkun lesta li tiċċara t-test jekk ikun hemm bżonn.

4 **SE**: riżerva ta' skrutinju

5 B'risposta għall-mistoqsijiet minn **AT** u **PT** li xtaqu jinkludu l-fatt li s-sempliċi pussess ta' viża ma jagħtix awtomatikament id-dritt għal dħul, **COM** fakkret li dak il-prinċipju kien dritt li joħroġ mill-viża li tkun inħarġet u m'għandux jiddaħħal fid-definizzjoni. Il-prinċipju huwa kopert mill-Artikolu 24 ta' l-abbozz tal-Kodiċi dwar il-Viża.

6 B'risposta għal mistoqsija minn **AT**, li xtaqet iżżid referenza għal viża pluriennali, **COM** innutat li din id-definizzjoni kienet ġiet ikkupjata għar-Regolament 539/2001. **HU** xtaqet iżżid referenza għal viża ta' dħul doppju.

(ċ) transitu miż-żoni ta' transitu internazzjonali ta' l-ajruporti ta' Stat Membru.

(3) "viża uniformi" tfisser viża valida għat-territorju kollu ta' l-Istati Membri, u hija jew:

(a) "viża ta' soġġorn qasir" (viża tat-tip "Ċ") li jintitola d-detentur għal soġġorn ta' perijodu li ma jaqbix it-tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta' sitt xhur mill-ewwel data ta' dħul fit-territorji ta' l-Istati Membri[1];

jew

(b) "viża ta' transitu"[2] (viża tat-tip "B") li tintitola lid-detentur, li jivvjaġġa minn pajjiż terz wieħed għal ieħor, li jgħaddi mit-territorji ta' l-Istati Membri darba, darbtejn jew eċċezzjonalment bosta drabi, b'kull transitu ma jaqbiżx il-ħamest ijiem;

(4) "viża b'validità territorjali limitata" (viża tat-tip "LTV B" jew "LTV Ċ") tfisser viża ta' soġġorn qasir li tintitola lid-detentur biss li joqgħod fi jew jittransita mit-territorju ta' l-Istat Membru li joħroġ il-viża jew ta' bosta Stati Membri[3].

(5) "viża ta' transitu minn ajruport" (viża tat-tip "A") tfisser viża meħtieġa bil-għan ta' transitu miż-żoni ta' transitu internazzjonali ta' l-ajruporti ta' l-Istati Membri minn ċittadini ta' ċerti pajjiżi terzi, bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' transitu liberu stabbilit fl-anness 9 għall-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

(6) "dokument ta' l-ivvjaġġar rikonoxxut" tfisser dokument ta' l-ivvjaġġar maħruġ minn pajjiż terz, li ċ-ċittadini tiegħu jridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni skond ir-Regolament (KE) Nru 539/2001, u rikonoxxut mill-Istati Membri għall-fini li jitwaħħlulu il-viżi[4];

(7) "stiker tal-viża" tfisser il-format uniformi għall-viżi kif definit fir-Regolament (KE) Nru 1683/95 u huwa l-forma fiżika tal-viżi definiti fil-paragrafi 3, 4 u 5.

(8) "folja seperata għat-twaħħil ta' viża" tfisser il-format uniformi għal formoli għat-twaħħil tal-viża maħruġa mill-Istati Membri lil persuni li għandhom dokumenti ta' l-ivvjaġġar mhux rikonoxxuti mill-Istat Membru li jħejji l-formola skond ir-Regolament (KE) Nru 333/2002[5].

---

1 **HU** ħasset li għandu jkun hemm referenza għan-numru ta' dħul bl-istess mod li hemm fid-definizzjoni ta' viża ta' transitu. **COM** ser tirrifletti fuq dan.

2 **FR**, appoġġata minn **AT**, kienet ta' l-opinjoni li d-distinzjoni bejn viża "B" u "Ċ" kienet artifiċjali u nnutat li d-distinzjoni żiedet element ta' komplikazzjoni żejda fil-prattika. FR sabet li wara li kienet introdotta r-rata fissa tal-miżata ta' l-ipproċessar ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni għaż-żamma tad-distinzjoni. **COM** hija lesta tikkonsidra argumenti konvinċenti għat-tneħħija tal viża "B", iżda kienet sorpriża li l-kwistjoni tqajmet issa biss, fid-dawl tal-problemi deskritti miż-żewġ delegazzjonijiet.

3 **COM** ikkonfermat li anki jekk tinħareġ LTV abbażi tan-nuqqas ta' rikonoxximent minn Stat Membru wieħed tad-dokument ta' l-ivvjaġġar ta' l-applikant, l-LTV maħruġa - għalkemm tkun tippermetti lid-detentur jivvjaġġa lejn 14-il Stat Membru, ma tkunx viża "uniformi" fis-sens tad-definizzjoni fl-Artikolu 2(3).

4 **COM** għarfet li din id-definizzjoni ma koprietx dokumenti ta' l-ivvjaġġar maħruġa minn per eżempju organizzazzjonijiet internazzjonali u kienet ser tirrifletti dwar formulazzjoni aħjar. HU ssuġġeriet li jekk din id-definizzjoni kellha tibqa' fit-test għandha issir referenza għad-diversi organizzazzjonijiet eċċ li joħorġu dokumenti ta' l-ivvjaġġar kif ukoll għal "detenturi" ta' dawn id-dokumenti milli għal "ċittadini".

5 **HU** sabet li d-definizzjoni għandha tirreferi wkoll għall-użu ta' folja separata, meta l-passaport ta' l-applikant ma jkollux aktar paġni vojta li fuqhom tista' titwaħħal il-viża. **COM** innutat li dan l-aspett prattiku kien magħruf, iżda li fid-definizzjoni kellha żżomm mat-titolu tar-Regolament